MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 603/2007

**Joseph Bajada (I.D. 429852M)**

**Vs**

**Mario Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Lulju 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf u mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1174.51) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);
Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2007, meta gew

ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur elf u mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1174.51) bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------